**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Il-Ħamis 4 ta' Jannar 2018**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-klijent tiegħek, proprjetarju ta' dar ta' abitazzjoni li kienet mogħtija b'enfitewsi – b'ċens ta' tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) fis-sena – għal ħamsin (50) sena li għalqu fit-30 ta' Novembru 2017, ġie mħarrek mill-*ex*-utlilista, ċittadin ta' Malta li jokkupa d-dar bħala r-residenza ordinarja tiegħu, sabiex jersaq għall-pubblikazzjoni ta' kuntratt notarili biex jagħraf il-konverżjoni tal-enfitewsi f'waħda perpetwa, b'ċens ta' sitt darbiet iċ-ċens li kien jitħallas qabel għalqet l-enfitewsi temporanja. Il-klijent tiegħek jixtieq jikkontesta t-talba għax jidhirlu li ċ-ċens, ukoll kif miżjud għal sitt darbiet li kien qabel, ma huwiex kumpens xieraq meta tqis il-valur tad-dar. Ħejji l-att meħtieġ sabiex il-klijent tiegħek jikkontesta t-talba.

2. Il-klijent tiegħek ġie notifikat b'mandat ta' sekwestru eżekuttiv maħruġ kontra tiegħu wara sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Diċembru 2017 li ikkundannatu jħallas mitt elf euro (€100,000) lis-sekwestrant. Hu jgħid illi qatt ma kien notifikat bir-rikors maħluf li bih kienet inbdiet il-kawża li wasslet għas-sentenza. Ħejji l-atti meħtieġa biex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

3. Il-klijent tiegħek, li kien daħal fi ftehim ta' wegħda ta' bejgħ-u-xiri (konvenju) biex jixtri immobbli, sejjaħ lill-bejjiegħ imwiegħed b'ittra ġudizzjarja sabiex jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ-u-xiri. Il-bejjiegħ iżda wieġeb li ma jistax ibigħlu l-fond għax ftit jiem wara l-konvenju kien bigħu lil ibnu. Il-klijent hu tal-fehma li dan sar biex il-bejjiegħ jevadi l-obbligazzjonijiet tiegħu, u jrid iġiegħel lill-bejjiegħ jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Ħejji l-att meħtieġ għal dan il-għan.

4. Il-klijent tiegħek, li hu għażeb u llum għandu ħamsin sena, kien ilu joqgħod, sa minn meta kien għadu tifel, ma' ħuh f'dar mikrija lil ħuh. Ħu l-klijent tiegħek issa miet. Sid il-kera, li jrid id-dar lura, għalaq il-provvista ta' dawl u ilma għad-dar u fetaħ kawża biex jitlob l-iżgumbrament tal-klijent tiegħek għax igħid illi dan qiegħed iżomm il-fond mingħajr titolu. Ħejji l-att jew atti meħtieġa fiċ-ċirkostanzi fl-interess tal-klijent tiegħek.

5. Ħejji l-atti meħtieġa biex issir (a) talba għall-ftuħ u pubblikazzjoni ta' testment sigriet u (b) talba biex il-klijent tiegħek li ġie diżeredat mingħajr raġuni tajba jingħata l-porzjoni riservata li tmiss lilu.

6. B'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-klijent tiegħek instab mhux ħati ta' serq sempliċi iżda ħati ta' riċettazzjoni u ġie kundannat għal ħames snin priġunerija. Igħid li ma kienx jaf li l-ħaġa kienet misruqa u li, meta sar jaf, raddha lura lil sidha. Ħejji l-att meħtieġ biex isir appell mis-sejbien ta' ħtija u, sussidjarjament, biex titnaqqas il-piena.

## Parti B

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. F'liema ċirkostanzi jista' avukat jippatroċina klijent li qabel kien patroċinat minn avukat ieħor u x'għandu jagħmel l-avukat li ġie avviċinat mill-klijent f'każ illi ma hemmx kunsens mill-avukat preċedenti u hemm kwistjoni urgenti li teħtieġ attenzjoni immedjata?

2. (a) X'miżuri għandu jimplimenta avukat biex jara illi s-servizzi tiegħu ma jinqediex bihom min ifittex li jaħsel flus ġejjin minn attivitjiet illeċiti u (b) x'għandu jagħmel avukat meta jintebaħ, wara li jkun beda jassisti klijent, li dak il-klijent qiegħed jinqeda bis-servizzi tiegħu għall-ħasil ta' flus?

3. Ditta ta' avukati tixtieq ixxandar avviż fil-*media* dwar il-prattika professjonali tagħha. Fisser ir-regoli li jolqtu x-xandir ta' avviżi bħal dawn skond il-Kodiċi ta' Etika tal-Avukati kif ukoll ir-rwol tal-Kamra tal-Avukati f'dan il-qasam.